

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Reġistri - Kummerċjali, Dwar L-insolvenza U Tal-artijiet](#) > [Reġistri Tal-artijiet Fil-pajjiżi Tal-UE](#) > [Italy](#)

Reġistri tal-artijiet fil-pajjiżi tal-UE

Il-kontenut ipprovdut minn
Italja

Italja



Din it-taqsimha tagħti ħarsa ġenerali lejn ir-reġistru tal-artijiet tal-Italja.

X'għandu x'joffri r-reġistru tal-Artijiet Taljan?

Ir-[Reġistru tal-Artijiet Taljan](#) jinżamm mill-Agenzia del Territorio, entità pubblika mhux ekonomika li topera taħt il-kontroll tal-Ministeru tal-Ekonomija u l-Finanzi, kif ukoll twestaq funzjonijiet katastrofali (proprjetà).

Ir-reġistri jfornu informazzjoni dwar kuntratti ta' trasferiment ta' pussess u dwar drittijiet oħra dwar l-art, kif ukoll dwar l-istabbiliment u t-tħassir ta' ipoteki.

Barra minn hekk, il-[Provinċja ta' Trento u Bolzano](#), li hija awtonoma, iżomm ir-reġistru tagħha stess. Din tforni l-aktar informazzjoni katastrofali (proprjetà).

L-aċċess għar-reġistru tal-artijiet Taljan huwa mingħajr ħlas?

L-aċċess għar-reġistri huwa soġġett għall-ħlas ta' taxxa. Għaldaqstant, il-proċedura għall-aċċess onlajn teħtieġ ir-reġistrazzjoni minn qabel mas-servizzi finanzjarji onlajn tal-Poste Italiane (is-Sistema Postali Taljana).

Ir-reġistru tal-Provinċja ta' Trento u Bolzano huwa aċċessibbli biss għall-utenti reġistrati.

Kif tagħmel tiftixa fir-reġistru tal-artijiet Taljan

L-informazzjoni li tinżamm fir-reġistri tal-artijiet hija organizzata skont is-suġġett (persuna fiżika jew legali). Tista' tftitex l-informazzjoni skont il-persuna, il-proprjetà jew il-kuntratt.

L-istorja tar-reġistru tal-artijiet Taljan

Il-kompjuterizzazzjoni tal-informazzjoni reġistrata bdiet fl-1986. Wara riorganizzazzjoni kbira fil-Ministeru tal-Finanzi, il-katast u r-reġistri tal-artijiet tal-Italja ġew integrati taħt amministrazzjoni waħda, u t-trasferiment elettroniku beda fl-1995. L-aħħar riforma komprensiva fl-amministrazzjoni finanzjarja stabbiliet erba' aġenziji fiskali awtonomi (inkluż l-Agenzia del Territorio, li ilha topera mill-1 ta' Jannar 2001). Il-kompjuterizzazzjoni tas-servizzi żdiedet, li wasslet għas-sistema ta' informazzjoni elettronika li hemm bħalissa, li tnediet fil-bidu tal-2007.

L-aħħar aġġornament: 18/01/2022

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.